MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Civili Numru. 592/2008/1

**Fl-atti ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 592/08 fl-ismijiet:**

**Martin Mifsud u martu Rita Mifsud**

**v.**

**Marika Almerigo**

**Il-Qorti:**

Rat li din hija talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni, mahrug fil-21 ta' Mejju 2008, a bazi tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura

Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta). Il-mandat inkwistjoni kien inhareg *ai termini* tal-Artikolu 874 tal-imsemmi Kap. 12 biex tigi kkawtelata pretiza ghal erba’ mija, hamsa u sittin elf, tmin mija u hamsa u sebghin Euro (€465,875) mill-konjugi Mifsud u gew milquta diversi proprjetajiet ta’ Marika Almerigo biex jibqghu sekwestrati sabiex ikunu jistghu jaghmlu tajjeb ghal dik il-pretenzjoni fl-eventwali kanonizzazzjoni taghha. B’decizjoni tas-7 ta’ Ottubru 2008, il-pretiza giet ridotta ghal mitejn u tletin elf Euro (€230,000) u gew illiberati mill-effetti tal-mandat zewg proprjetajiet tal-imsemmija Marika Almerigo.

Il-pretenzjoni tal-konjugi Mifsud giet dedotta gudizzjarjament (Citazzjoni numru 225/08) u giet deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ April 2013; dik il-Qorti ddikjarat lill-konjugi Mifsud kredituri ta’ Marika Almerigo fis-somma ta’ tmintax-il elf Euro (€18,000). Minn din is-sentenza appellat l-istess Marika Almerigo peress illi thoss illi hi ma ghandha taghti xejn lill-konjugi Mifsud.

L-imsemmija Marika Almerigo, fid-9 ta’ Mejju 2013, ressqet dan ir-rikors quddiem din il-Qorti u qed tissottometti illi la darba s-somma kanonizzata favur il-konjugi Mifsud giet stabbilita f’somma ferm anqas minn dik pretiza, l-effetti tal-mandat ghandhom jitnaqqsu ghal tmintax-il elf Euro (€18,000), u tghid li l-proprjeta` kollha sekwestrata tigi liberata, hlief *garage* fi Triq l-Ghejjun, Xaghra, Ghawdex, li jiswa sitta u ghoxrin elf u seba’ mitt Euro (€26,700), skont stima li pprezentat mar-rikors.

Il-konjugi Mifsud wiegbu illi, apparti konsiderazzjonijiet ohra, il-*garage* inkwistjoni huwa suggett ghal privilegg specjali favur certu Bernard Raymond Goupry, u, aktar importanti, jissottomettu li wara s-sentenza tas-16 ta’ April 2013, u l-appell ta’ Marika Almerigo, huma ressqu appell incidentali skont id-dispost tal-Artikolu 240 tal-imsemmi Kap. 12 fejn qed jitolbu li s-somma likwidata tizdied ghal figura eqreb il-pretenzjoni taghhom; huma, ghalhekk, jissottomettu li s-sentenza ma tikkostitwix *res gudicata* bejn il-partijiet, u s-somma tista’ tizdied.

Dan il-privilegg li ghalih irriferew l-konjugi Mifsud jidher li gie kancellat, u d-difensur ta’ Marika Almerigo vverbalizza li l-*garage* li qed toffri bhala garanzija mhux milqut bi drittijiet ta’ terzi. Jibqa’ l-fatt, pero`, li s-sentenza li tat l-ewwel Qorti hija soggetta ghal tibdil, kemm billi jonqos l-ammont ta’ danni, kif ukoll billi l-istess tizdied. Il-konjugi Mifsud ghadhom isostnu l-pretenzjoni taghhom ghal somma akbar, u meta tqis il-valur relattivament baxx tal-*garage* offrut bhala garanzija, din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkostanzi, ghandha tilqa’ t-talba tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talbiet ta’ Marika Almerigo kif dedotti fir-rikors taghha tad-9 ta’ Mejju 2013.

Spejjez a karigu tal-istess Marika Almerigo.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------